SENTENZA TAL-QORTI TAL-ĠUSTIZZJA (It-Tielet Awla)

29 ta' Lulju 2010 *

Fil-Kawża C-151/09,

li għandha bħala suġġett talba għal deċiżjoni preliminari skont l-Artikolu 234 KE, imressqa minn Juzgado de lo Social Único de Algeciras (Spanja), permezz ta' deċiżjoni tas-26 ta' Marzu 2009, li waslet fil-Qorti tal-Ġustizzja fit-28 ta' April 2009, fil-proċedura

Federación de Servicios Públicos de la UGT (UGT-FSP)

vs

Ayuntamiento de la Línea de la Concepción,

María del Rosario Vecino Uribe,

Ministerio Fiscal,

* Lingwa tal-kawża: l-Ispanjol.

IL-QORTI TAL-ĠUSTIZZJA (It-Tielet Awla),

komposta minn K. Lenaerts, President tal-Awla, R. Silva de Lapuerta, G. Arestis, J. Malenovský (Relatur) u D. Šváby, Imħallfin,

Avukat Ġenerali: E. Sharpston,
Reġistratur: R. Grass,

wara li rat il-proċedura bil-miktub,

wara li kkunsidrat l-osservazzjonijiet ippreżentati:

— għall-Ministerio Fiscal, minn J. L. M. Retamino, bħala aġent,

— għall-Gvern Spanjol, minn B. Plaza Cruz, bħala aġent,

— għall-Kummissjoni tal-Komunitajiet Ewropej, minn J. Enegren u R. Vidal Puig, bħala aġenti,

wara li semgħet il-konklużjonijiet tal-Avukat Ġenerali ppreżentati fis-seduta tas-6 ta' Mejju 2010,

tagħti l-preżenti

Sentenza

1 It-talba għal deċiżjoni preliminari tirrigwarda l-interpretazzjoni tal-Artikolu 6(1) tad-Direttiva tal-Kunsill 2001/23/KE, tat-12 ta' Marzu 2001, dwar l-approssimazzjoni tal-liġijiet tal-Istati Membri relatati mas-salvagwardja tad-drittijiet tal-impjegati [ħaddiema] fil-każ ta' trasferimenti ta' impriżi, negozji jew partijiet ta' impriżi jew negozji (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 5, Vol. 4, p. 98).

2 Din it-talba tressqet fil-kuntest ta' kawża bejn il-Federación de Servicios Públicos de la UGT (UGT-FSP) u l-Ayuntamiento de la Línea de la Concepción (iktar 'il quddiem l-"Ayuntamiento de La Línea"), M. del Rosario Vecino Uribe u dsatax-il konvenut ieħor kif ukoll il-Ministerio Fiscal fir-rigward taċ-ċaħda tal-Ayuntamiento de la Línea li jirrikonoxxi l-kwalità ta' rappreżentanti legali tal-ħaddiema lill-persuni eletti sabiex jassumu din il-funzjoni f'diversi impriżi inkarigati minn konċessjonijiet ta' servizz pubbliku trasferiti lil din l-awtorità muniċipali.

Il-kuntest ġuridiku

Il-leġiżlazzjoni tal-Unjoni

3 Id-Direttiva 2001/23 ikkodifikat id-Direttiva tal-Kunsill 77/187/KEE, tal-14 ta' Frar 1977, dwar l-approssimazzjoni tal-liġijiet tal-Istati Membri relatati mas-salvagwardja tad-drittijiet tal-ħaddiema fil-każ ta' trasferimenti ta' impriżi, negozji jew partijiet ta' impriżi jew negozji (ĠU 1977 L 61, p. 26) kif emendata bid-Direttiva tal-Kunsill 98/50/KE, tad-29 ta' Ġunju 1998 (ĠU L 201, p. 88).

4 Il-premessa 3 tad-Direttiva 2001/23 tipprovdi li "[h]uwa neċessarju li jigi pprovdut għall-protezzjoni ta' l-impjegati [ħaddiema] fil-każ li jinbidel min jimpjega [iħaddem], b'mod partikulari, sabiex jiġi żgurat li d-drittijiet tagħhom ikunu salvagwardjati."

5 L-Artikolu 1(1) ta' din id-direttiva jipprovdi:

"a) Din id-Direttiva għandha tapplika għal kull trasferiment ta' impriża, negozju jew parti minn impriża jew negozju lil persuna oħra li timpjega [tħaddem] bħala riżultat ta' trasferiment jew inkorporazzjoni legali.

b) Bla ħsara għas-subparagrafu (a) u għad-dispożizzjonijiet li ġejjin ta' dan l-Artikolu, ikun hemm trasferiment fis-sens ta' din id-Direttiva meta jkun hemm trasferiment ta' xi entità ekonomika li żżomm l-identità tagħha, jiġifieri għaqda organizzata ta' riżorsi bl-objettiv li twettaq attività ekonomika, kemm jekk l-attività hija ċentrali jew anċillari […].

ċ) Din id-Direttiva għandha tapplika għal impriżi pubbliċi u privati li huma involuti f'attivitajiet ekonomiċi kemm jekk jaħdmu għall-qligħ kemm jekk le. Ir-riorganizzazzjoni amministrattiva ta' l-awtoritajiet pubbliċi amministrattivi, jew it-trasferiment ta' funzjonijiet amministrattivi bejn awtoritajiet pubbliċi amministrattivi, mhijiex trasferiment fis-sens ta' din id-Direttiva."

6 L-Artikolu 2(1) tal-imsemmija direttiva jipprovdi:

"Għall-iskopijiet ta' din id-Direttiva:

[…]

ċ) 'rappreżentanti ta' min jimpjega [tal-ħaddiema]' u espressjonijiet relatati għandhom ifissru ir-rappreżentanti ta' l-impjegati [ħaddiema] previsti mil-liġijiet jew mill-prattika ta' l-Istati Membri;

[…]"

7 L-Artikolu 6 tal-istess direttiva jipprovdi:

"1. Jekk l-impriża, in-negozju jew parti mill-impriża jew min-negozju jippreservaw l-awtonomija tagħhom, l-istatus u l-funzjoni tar-rappreżentanti jew tar-rappreżentazzjoni ta' l-impjegati [ħaddiema] milquta mit-trasferiment għandhom jiġu ppreservati skond l-istess termini u soġġett għall-istess kundizzjonijiet li kien jeżistu qabel id-data tat-trasferiment minħabba l-liġi, ir-regolament, id-dispożizzjoni jew il-ftehim amminstrattiv, sakemm il-kundizzjonijiet neċessarji għat-twaqqif tar-rappreżentazzjoni ta' l-impjegat ikunu sodisfatti.

L-ewwel subparagrafu m'għandux japplika jekk, skond il-liġijiet, ir-regolamenti, id-dispożizzjonijiet amministrattivi jew il-prattika fl-Istati Membri, jew skond ftehim mar-rappreżentanti ta' l-impjegati, il-kundizzjonijiet neċessarji biex jerġgħu jiġu maħtura r-rappreżentanti ta' l-impjegati jew biex terġa' titwaqqaf ir-rappreżentanza ta' l-impjegati jkunu sodisfatti.

Meta min jagħmel it-trasferiment ikun is-suġġett ta' proċedimenti ta' falliment jew xi proċedimenti analogi ta' falliment awtorizzata minn awtorità pubblika kompetenti), l-Istati Membri jistgħu jieħdu l-miżuri neċessarji biex jiżguraw li l-impjegati trasferiti jkunu rappreżentati b'mod addattat sakemm issir l-elezzjoni jew il-ħatra ġdida tar-rappreżentanti ta' l-impjegati.

Jekk l-impriża, in-negozju jew parti mill-impriża jew min-negozju ma jippreservawx l-awtonomija tagħha, l-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri neċessarji biex jiżguraw li l-impjegati trasferiti li kienu rappreżentati qabel it-trasferiment jibqgħu jiġu rappreżentati b'mod addattat waqt il-perjodu neċessarju biex terġa' titwaqqaf jew terġa' tiġi maħtura r-rappreżentanza ta' l-impjegati skond il-liġi jew il-prattika nazzjonali.

2. Jekk il-kariga tar-rappreżentanti ta' l-impjegati effettwati mit-trasferiment jagħlaq bħala riżultat tat-trasferiment, ir-rappreżentanti għandhom ikomplu jgawdu il-protezzjoni li hemm provduta fil-liġijiet, fir-regolamenti, fid-dispożizzjonijiet amminstrattivi jew fil-prattika ta' l-Istati Membri."

Il-leġiżlazzjoni nazzjonali

8 Id-Direttiva 2001/23 ġiet trasposta fid-dritt Spanjol permezz tad-Digriet Irjali Leġiżlattiv Nru 1/1995, tal-24 ta' Marzu 1995, li japprova t-test rivedut tal-liġi li tistabbilixxi Statut tal-ħaddiema (BOE Nru 75, tad-29 ta' Marzu 1995, p. 9654), fil-verżjoni tiegħu li tirriżulta mil-Liġi Nru 12/2001, tad-9 ta' Lulju 2001 (BOE Nru 164, tal-10 Lulju 2001, p. 24890, iktar 'il quddiem l-"Istatut tal-ħaddiema").

9 L-Artikolu 44 tal-Istatut tal-ħaddiema jipprovdi:

"1. It-trasferiment ta' impriża, ta' post tax-xogħol jew ta' unità ta' produzzjoni awtonoma ta' din l-impriża, fih innifsu, ma jtemmx ir-relazzjoni ta' impjieg; il-persuna li tħaddem il-ġdida tissurogga lill-persuna li tħaddem preċedenti fir-rigward tad-drittijiet u l-obbligi li din tal-aħħar kellha abbażi tal-kuntratt ta' xogħol u fil-qasam tas-sigurta soċjali, inkluż fl-impenji marbuta mal-pensjonijiet, taħt il-kundizzjonijiet previsti mil-leġiżlazzjoni speċifika applikabbli u, b'mod ġenerali, fir-rigward tal-obbligi kollha fil-qasam tal-protezzjoni soċjali addizzjonali li għalihom kien daħal min qad jittrasferixxi

[…]

5. meta impriża, il-post tax-xogħol jew l-unità ta' produzzjoni li tkun is-suġġett tat-trasferiment tippreserva l-awtonomija tagħha, il-bdil ta' min iħaddem, fih innifsu, ma jtemmx il-mandat tar-rappreżentanti legali tal-ħaddiema, li jkomplu jwettqu l-funzjonijiet tagħhom taħt l-istess kundizzjonijiet bħal qabel."

10 L-Artikolu 67(1) *in fine* tal-Istatut tal-ħaddiema jipprovdi għall-possibbiltà li, fil-każ ta' żieda fil-persunal, jiġu organizzati elezzjonijiet parzjali f'impriża skont kif ġej:

"elezzjonijiet parzjali jistgħu jiġu organizzati wara riżenji jew tkeċċijiet jew sabiex ikun hemm aġġustament tar-rappreżentanza tal-impjegati wara żieda fil-persunal. Il-ftehim kollettivi għandhom jipprovdu l-miżuri neċessarji biex ir-rappreżentanza tal-impjegati tiġi adattata għal tnaqqis sinjifikattiv fil-persunal li jista' jseħħ fi ħdan impriża. Jekk tali dispożizzjoni ma ssirx, tali adattazzjoni għandha tkun is-suġġett ta' ftehim bejn l-impriża u r-rappreżentanti tal-ħaddiema."

11 L-Artikolu 67(3) tal-Istatut tal-ħaddiema jipprovdi:

"Il-perijodu tal-mandat tad-delegati tal-persunal u tal-membri tal-kunsill tax-xogħlijiet huwa ffissat għal-erba' snin, fejn huwa sottointiż li, fl-eżerċizzju tal-kompetenzi tagħhom u tal-garanziji marbutin magħhom, huma jżommu l-funzjonijiet tagħhom sakemm jissejħu u jiġu organizzati elezzjonijiet ġodda.

Id-delegati tal-persunal u l-membri tal-kunsill tax-xogħlijiet jistgħu jitneħħew biss fuq deċiżjoni tal-impjegati eletturi, adottata waqt laqgħa msejħa għal dan il-għan u fejn ikunu preżenti mill-inqas terz mill-eletturi, b'maġġurranza assoluta u b'vot universali individwali, liberu, dirett u sigriet. Madankollu, l-ebda tneħħija ma tista' sseħħ matul l-innegozjar ta' ftehim kollettiv ġdid jew tiġi prevista qabel terminu ta' mill-inqas sitt xhur."

Il-kawża prinċipali u d-domanda preliminari

12 Fil-25 ta' Awwissu 2008, is-sindku ta' Ayuntamiento de la Línea adotta digriet li permezz tiegħu ddeċieda li jieħu lura numru ta' konċessjonijiet ta' servizzi pubbliċi

li sa dakinhar kienu fdati f'idejn erba' impriżi privati. Is-servizzi li kienu s-suġġett tal-konċessjonijiet li ttieħdu lura kienu jirrigwardaw servizzi ta' purtinerija u ta' tindif tal-iskejjel pubbliċi, ta' tindif ta' toroq u l-manutenzjoni ta' parks u ġonna.

13 Mid-digriet tar-rinviju jirriżulta li, wara li l-Ayuntamiento de La Línea ħa lura d-diversi konċessjonijiet ta' servizz pubbliku, l-impjegati li kienu jiffurmaw parti mill-persunal tal-impriżi li preċedentement kienu jipprovdu s-servizzi ttieħdu mill-amministrazzjoni muniċipali u ġew integrati mal-persunal tagħha, iżda, mingħajr ebda eċċezzjoni, l-imsemmija impjegati baqgħu jokkupaw l-istess pożizzjonijiet u jwettqu l-istess funzjonijiet li kienu jwettqu qabel l-imsemmi teħid lura, fl-istess postijiet tax-xogħol u taħt is-superviżjoni tal-istess responsabbli diretti, mingħajr bdil kunsiderevoli fil-kundizzjonijiet tax-xogħol tagħhom, l-unika differenza kienet li l-għola superjuri ġerarkiċi tagħhom, li kienu s-superjuri ta' dawn ir-responsabbli, issa saru r-rappreżentanti pubbliċi eletti kompetenti, jiġifieri l-kunsilliera muniċipali jew is-sindku.

14 Ir-rappreżentanti tal-impjegati ta' kull waħda minn dawn l-impriżi, wara t-teħid lura tal-konċessjonijiet, ressqu talbiet quddiem l-Ayuntamiento de la Línea sabiex ikunu jistgħu jibbenefikaw minn sigħat ta' delegazzjoni. Dawn it-talbiet ġew miċħuda permezz tad-deċiżjoni tal-10 ta' Settembru 2008, peress li, minħabba l-integrazzjoni tagħhom mal-persunal muniċipali, l-impjegati kkonċernati ma kinux għadhom iwettqu l-funzjonijiet tagħhom ta' rappreżentanti legali.

15 F'dan il-kuntest, fit-28 ta' Ottubru 2008, wara li saret taf b'din id-deċiżjoni, ir-rikorrenti fil-kawża prinċipali, jiġifieri UGT-FSP, talbet kjarifiki mingħand l-Ayuntamiento de La Línea u sussegwentement, fit-13 ta' Novembru 2008, ippreżentat rikors kontra l-imsemmija deċiżjoni quddiem il-Juzgado de lo Social Único de Algeciras.

16 Permezz ta' deċiżjoni tas-26 ta' Marzu 2009, il-Juzgado de lo Social Único de Algeciras iddeċieda li jissospendi l-proċeduri u li jagħmel lill-Qorti tal-Ġustizzja d-domanda preliminari segwenti:

"Ir-rekwiżit taż-żamma tal-awtonomija li jirreferi għalih l-Artikolu 6(1) tad-Direttiva 2001/23/KE [...], huwa sodisfatt f'sitwazzjoni fattwali (bħal dik inkwistjoni fil-kawża prinċipali) fejn, wara l-irkupru ta' diversi kuntratti ta' servizz pubbliku min-naħa ta' kunsill muniċipali, il-ħaddiema li kienu jiffurmaw parti mill-persunal tal-impriżi inkwistjoni li sa dakinhar kellhom l-imsemmija kuntratti jittieħdu mill-amministrazzjoni muniċipali u jiġu integrati mal-persunal tagħha, meta dawn huma l-istess ħaddiema (mingħajr eċċezzjoni) li jkomplu jokkuppaw l-istess karigi tax-xogħol u jaqdu l-istess funzjonijiet li kellhom qabel l-imsemmi irkupru, fl-istess postijiet tax-xogħol u suġġetti għall-awtorità tal-istess superjuri diretti (superjuri ġerakiċi), mingħajr tibdil kunsiderevoli fil-kundizzjonijiet tal-impjieg u fejn l-unika differenza hija li issa l-għola superjuri ġerarkiċi tagħhom (superjuri għas-superjuri preċedenti tagħhom) huma r-rappreżentanti pubbliċi eletti inkwistjoni (kunsilliera muniċipali jew sindku)?"

Fuq id-domanda preliminari

17 Permezz tad-domanda tagħha l-qorti tar-rinviju essenzjalment tistaqsi jekk entità ekonomika ttrasferita tippreżervax l-awtonomija, fis-sens tal-Artikolu 6(1) tad-Direttiva 2001/23, meta l-impjegati li kienu jifformaw parti mill-persunal tagħha jittieħdu minn kunsill u jiġu integrati mal-persunal ta' dan tal-aħħar, u fil-każ fejn l-istess impjegati jibqgħu jokkupaw l-istess pożizzjonijiet u jwettqu l-istess funzjonijiet li kienu jwettqu qabel it-trasferiment, fl-istess postijiet tax-xogħol u taħt is-superviżjoni tal-istess superjuri ġerarkiċi, mingħajr bdil kunsiderevoli fil-kundizzjonijiet tax-xogħol tagħhom, fejn l-unika differenza hija li issa l-għola superjuri ġerarkiċi tal-impriża ttrasferita huma r-rappreżentanti pubbliċi eletti.

18 Il-Gvern Spanjol jikkunsidra li r-rekwiżiti ta' trasferiment fis-sens tad-Direttiva 2001/23 ma humiex sodisfatti fil-kawża prinċipali. Fil-fatt, huwa jsostni li ma hemmx trasferiment ta' elementi materjali sinjifikattivi bejn l-impriżi inkwistjoni u l-Ayuntamiento de La Línea, sa fejn l-iskejjel pubbliċi, it-toroq kif ukoll il-parkijiet u l-ġonna muniċipali diġà huma proprjetà tal-Ayuntamiento de La Línea. Huwa biss il-persunal kollu li kien impjegat mal-impriżi inkwistjoni li ttieħed. Issa, għalkemm il-ħaddiema jikkostitwixxu fattur importanti f'dawn is-servizzi, ma huwiex possibbli li jiġi injorat l-element materjali li fuqu huma bbażati s-servizzi ta' portinerija, ta' tindif u ta' manutenzjoni fdati f'idejn l-imsemmija impriżi inkwistjoni.

19 Għalhekk, sabiex tingħata risposta għal din id-domanda, jeħtieġ li preliminarjament jiġi ddeterminat jekk trasferiment bħal dak inkwistjoni fil-kawża prinċipali jaqax taħt l-Artikolu 1(1)(b) tad-Direttiva 2001/23. Fil-fatt, il-kwistjoni tal-awtonomija fis-sens tal-Artikolu 6(1) tqum biss jekk ir-risposta għal din id-domanda tkun waħda affermattiva.

Fuq l-eżistenza ta' trasferiment fis-sens tal-Artikolu 1 tad-Direttiva 2001/23

20 Mid-deċiżjoni tar-rinviju jirriżulta li l-kawża prinċipali tirrigwarda t-teħid lura minn kunsill, persuna ġuridika rregolata mid-dritt pubbliku, ta' numru ta' konċessjonijiet ta' servizzi pubbliċi li sa dakinhar kienu jiġu pprovduti minn diversi impriżi privati. L-att li permezz tiegħu twettaq dan it-teħid lura huwa digriet muniċipali.

21 Skont l-Artikolu 1(1) tagħha, id-Direttiva 2001/23 tapplika għal kull trasferiment ta' impriża, negozju jew parti minn impriża jew negozju lil persuna oħra li tħaddem bħala riżultat ta' trasferiment permezz ta' ftehim jew ta' inkorporazzjoni legali.

22 Skont ġurisprudenza stabbilita, id-Direttiva 2001/23 hija intiża sabiex tiżgura l-kontinwità tar-relazzjonijiet tax-xogħol li jeżistu fil-kuntest ta' entità ekonomika, indipendentement minn bdil tal-proprjetarju. Għalhekk, il-kriterju deċiżiv sabiex tiġi stabbilita l-eżistenza ta' trasferiment fis-sens ta' din id-direttiva huwa li jiġi stabbilit jekk l-entità inkwistjoni żżommx l-identità tagħha, ħaġa li tiddependi b'mod partikolari fuq it-tkomplija effettiva tal-operat jew inkella t-teħid tiegħu (ara, b'mod partikolari, is-sentenzi, tat-18 ta' Marzu 1986, Spijkers, 24/85, Ġabra p. 1119, punti 11 u 12, kif ukoll tal-15 ta' Diċembru 2005, Güney-Görres u Demir, C-232/04 u C-233/04, Ġabra p. I-11237, punt 31 u l-ġurisprudenza ċċitata).

23 Il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet, fil-kuntest tad-Direttiva 77/187, kif emendata bid-Direttiva 98/50, li s-sempliċi fatt li l-persuna li favura jsir it-trasferiment tkun persuna ġuridika rregolata mid-dritt pubbliku, f'dan il-każ kunsill, ma jippermettix li tiġi eskluża l-eżistenza ta' trasferiment li jaqa taħt il-kamp ta' applikazzjoni tal-imsemmija direttiva (sentenza tas-26 ta' Settembru 2000, Mayeur, C-175/99, Ġabra p. I-7755, punt 33). Din il-konklużjoni tgħodd ukoll fil-kuntest tad-Direttiva 2001/23.

24 Iċ-ċirkustanza li d-deċiżjoni li permezz tagħha twettaq it-teħid lura tal-konċessjonijiet ta' servizzi pubbliċi huwa digriet, jiġifieri deċiżjoni meħuda b'mod unilaterali mill-Ayuntamiento de La Línea, ma tipprekludix il-konstatazzjoni ta' trasferiment, fis-sens tad-Direttiva 2001/23, bejn l-impriżi privati u l-Ayuntamiento de La Línea.

25 Fil-fatt, il-Qorti tal-Ġustizzja diġà ddeċidiet li l-fatt li t-trasferiment jirriżulta minn deċiżjonijiet unilaterali tal-amministrazzjonijiet pubbliċi u mhux minn qbil tal-intenzjonijiet ma jeskludix l-applikazzjoni tal-imsemmija direttiva (ara s-sentenzi, tad-19 ta' Mejju 1992, Redmond Stichting, C-29/91, Ġabra p. I-3189, punti 15 sa 17, kif ukoll tal-14 ta' Settembru 2000, Collino u Chiappero, C-343/98, Ġabra p. I-6659, punt 34).

26 Sabiex id-Direttiva 2001/23 tkun applikabbli, it-trasferiment għandu jkun jirrigwarda entità ekonomika organizzata b'mod stabbli, li l-attività tagħha ma tkunx limitata għat-twettieq ta' biċċa xogħol speċifika (ara, b'mod partikolari, is-sentenza, tad-19 ta' Settembru 1995, Rygaard, C-48/94, Ġabra p. I-2745, punt 20). Il-kunċett ta' entità għalhekk jirreferi għal grupp organizzat ta' persuni u elementi li jippermetti t-twettieq ta' attività ekonomika li jkollha għan speċifiku għaliha (ara, b'mod partikolari, is-sentenzi, tal-11 ta' Marzu 1997, Süzen, C-13/95, Ġabra p. I-1259, punt 13; tal-20 ta' Novembru 2003, Abler *et*, C-340/01, Ġabra p. I-14023, punt 30, kif ukoll Güney-Görres u Demir, iċċitata iktar 'il fuq, punt 32).

27 Sabiex jiġi ddeterminat jekk ir-rekwiżiti ta' trasferiment ta' entità ekonomika organizzata b'mod stabbli humiex sodisfatti, għandhom jittieħdu inkunsiderazzjoni ċ-ċirkustanzi fattwali kollha li jikkaratterizzaw l-operazzjoni inkwistjoni, fosthom, b'mod partikolari, it-tip ta' impriża jew negozju inkwistjoni, it-trasferiment jew nuqqas ta' trasferiment ta' elementi korporali, bħal bini jew beni mobbli, il-valur tal-elementi inkorporali meta seħħ it-trasferiment, it-teħid jew nuqqas ta' teħid tal-persunal mill-proprjetarju l-ġdid, it-trasferiment jew in-nuqqas ta' trasferiment tal-klijentela, kif ukoll il-livell ta' xebh bejn l-attivitajiet imwettqa qabel u dawk imwettqa wara t-trasferiment u t-tul ta' eventwali sospensjoni ta' dawn l-attivitajiet. Madankollu, dawn l-elementi jikkostitwixxu biss aspetti parzjali tal-evalwazzjoni globali li għandha titwettaq u ma jistgħux, għalhekk, jiġu evalwati b'mod iżolat (ara, b'mod partikolari, is-sentenzi ċċitati iktar 'il fuq Spijkers, punt 13; Redmond Stichting, punt 24; Süzen, punt 13; Abler *et*, punti 33 u 34, kif ukoll Güney-Görres u Demir, punti 33 u 34).

28 Barra minn hekk, il-Qorti tal-Ġustizzja osservat li entità ekonomika tista', f'ċerti setturi, tiffunzjona mingħajr assi, korporali jew inkorporali, sinjifikattivi, b'tali mod li ż-żamma tal-identità ta' tali entità lil hinn mill-operazzjoni li tagħha hija s-suġġett ma jistax, per eżempju, jiddependi fuq it-trasferiment ta' tali elementi (ara s-sentenzi Süzen, iċċitata iktar 'il fuq, punt 18; tal-10 ta' Diċembru 1998, Hernández Vidal *et*, C-127/96, C-229/96 u C-74/97, Ġabra p. I-8179, punt 31, kif ukoll Hidalgo *et*, C-173/96 u C-247/96, Ġabra p. I-8237, punt 31).

29 Għalhekk il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li, sa fejn, f'ċerti setturi fejn l-attività hija essenzjalment ibbażata fuq il-ħaddiema, grupp ta' ħaddiema li fit-tul iwettaq attività ekonomika jista' jikkostitwixxi entità ekonomika, tali entità tista' żżomm l-identità tagħha lil hinn mit-trasferiment tagħha meta l-proprjetarju l-ġdid ma jillimitax ruħu li jkompli l-attività inkwistjoni iżda jieħu wkoll parti essenzjali, f'termini ta' numru u ta' kompetenzi, mill-persunal li l-predeċessur tiegħu kien speċifikament jiddedika għal din il-funzjoni. F'dan il-każ, il-proprjetarju l-ġdid effettivament jikseb il-grupp organizzat ta' elementi li jippermettilu li b'mod stabbli jkompli l-attivitajiet jew uħud mill-attivitajiet tal-proprjetarju preċedenti (sentenzi ċċitati iktar 'il fuq Süzen, punt 21; Hernández Vidal *et*, punt 32, kif ukoll Hidalgo *et*, punt 32).

30 B'mod partikolari, il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet, fir-rigward ta' impriża ta' tindif, li grupp organizzat ta' impjegati li huwa speċifikament u fit-tul inkarigat li jwettaq funzjoni komuni jista', fin-nuqqas ta' fatturi oħra ta' produzzjoni, jikkostitwixxi entità ekonomika (sentenza Hernández Vidal *et*, iċċitata iktar 'il fuq, punt 27).

31 Kif osservat l-Avukat Ġenerali fil-punt 39 tal-konklużjonijiet tagħha, iċ-ċirkustanza li, fil-kawża prinċipali, l-elementi li huma s-suġġett tas-servizzi pprovduti mill-impriżi privati, jiġifieri l-bini tal-iskejjel, it-toroq, il-parks u l-ġonna pubbliċi, ma ġewx trasferiti hija kompletament irrilevanti. Fil-fatt, l-assi materjali li għandhom, jekk ikun il-każ, jittieħdu inkunsiderazzjoni huma l-installazzjonijiet, il-makkinarju u/jew l-ekwipaġġament li effettivament jintużaw sabiex jiġu pprovduti s-servizzi ta' purtinerija, ta' tindif u ta' manutenzjoni.

32 Hija l-qorti tar-rinviju li għandha tistabbilixxi, fid-dawl tal-punti ta' interpretazzjoni kollha preċedenti, jekk fil-kawża prinċipali kienx hemm trasferiment fis-sens tad-Direttiva 2001/23.

Fuq il-kunċett ta' "awtonomija" fis-sens tal-Artikolu 6 tad-Direttiva 2001/23

33 Il-Gvern Spanjol isostni li l-kunċett ta' "awtonomija" msemmi fl-Artikolu 6 tad-Direttiva 2001/23, għandu jiġi interpretat bħala ekwivalenti tal-kunċett ta' "identità" msemmi fl-Artikolu 1(1)(b) ta' din id-direttiva. Madankollu, tali interpretazzjoni ma tistax tiġi aċċettata.

34 Fil-fatt, kif jirriżulta mill-Artikolu 1(1)(b) tad-Direttiva 2001/23, il-kwistjoni dwar iż-żamma tal-identità għandha tiġi evalwata fil-mument ta' meta l-entità ekonomika kkonċernata tiġi ttrasferita permezz ta' ftehim jew ta' inkorporazzjoni legali. Huwa biss fil-każ fejn l-identità ta' din l-entità tinżamm li tali operazzjoni tista' tiġi kkwalifikata bħala "trasferiment" fis-sens ta' din id-direttiva.

35 Min-naħa l-oħra, il-kwistjoni dwar iż-żamma tal-awtonomija tista' tiġi evalwata biss wara li tkun diġà ġiet ikkonstatata l-eżistenza tat-trasferiment, fis-sens tad-Direttiva 2001/23. Fil-fatt, din id-direttiva tista' tiġi applikata fir-rigward ta' kull trasferiment li jissodisfa r-rekwiżiti previsti fl-Artikolu 1(1) tagħha, indipendentement minn jekk l-entità ekonomika tippreservax jew le l-awtonomija tagħha fl-istruttura tal-persuna li favura jsir it-trasferiment (ara s-sentenza, tat-12 ta' Frar 2009, Klarenberg, C-466/07, Ġabra p. I-803, punt 50).

36 Li kieku l-kunċetti ta' identità u ta' awtonomija kienu ekwivalenti, il-parti inizjali tal-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 6(1) tad-Direttiva 2001/23, li tistabbilixxi r-rekwiżit li l-impriża, n-negozju jew parti mill-impriża jew min-negozju inkwistjoni jippreżervaw l-awtonomija tagħhom, titlef l-effett utli tagħha, peress li l-Artikolu 6(1) ta' din id-direttiva jkun awtomatikament applikabbli fil-każ li l-entità kummerċjali tippreżerva l-identità tagħha, fis-sens tal-Artikolu 1(1)(b) tal-imsemmija direttiva. Għaldaqstant dawn il-kunċetti ma humiex ekwivalenti u l-kwistjoni dwar jekk impriża

ppreżervatx l-awtonomija tagħha, għall-finijiet tal-Artikolu 6 tad-Direttiva 2001/23, tista' tiġi kkunsidrata biss ladarba jiġi stabbilit li kien hemm trasferiment ta' beni fis-sens ta' din id-direttiva.

37 Fir-rigward tal-kunċett ta' awtonomija, għandu jiġi kkonstatat li l-imsemmi Artikolu 6 ma jinkludi ebda definizzjoni ta' dan il-kunċett. L-imsemmi kunċett lanqas ma huwa ddefinit fl-artikoli l-oħra tal-imsemmija direttiva.

38 Issa, skont ġurisprudenza stabbilita, kemm mir-rekwiżiti ta' applikazzjoni uniformi tad-dritt tal-Unjoni kif ukoll mill-prinċipju ta' ugwaljanza jirriżulta li t-termini ta' dispożizzjoni tad-dritt tal-Unjoni, li ma tagħmel ebda riferiment espliċitu għad-dritt tal-Istati Membri sabiex jiġu ddeterminati t-tifsira u l-portata tagħha, għandhom normalment jiġu interpretati b'mod awtonomu u uniformi fl-Unjoni Ewropea kollha (ara, f'dan is-sens, reċentement, is-sentenza, tat-3 ta' Diċembru 2009, Yaesu Europe, C-433/08, Ġabra p. I-11487, punt 18, u l-ġurisprudenza ċċitata.

39 Barra minn hekk, skont ġurisprudenza daqstant stabbilita, id-determinazzjoni tat-tifsira u tal-portata tat-termini, li ma jingħataw ebda definizzjoni fid-dritt tal-Unjoni, għandha tiġi stabbilita skont it-tifsira komuni tagħhom fil-lingwaġġ ta' kuljum, filwaqt li fl-istess ħin jittieħed inkunsiderazzjoni l-kuntest li fih jintużaw u l-għanijiet imfittxa mil-leġiżlazzjoni li minnha jiffurmaw parti (ara, f'dan is-sens, b'mod partikolari, is-sentenzi, tal-10 ta' Marzu 2005, easyCar, C-336/03, Ġabra p. I-1947, punt 21; tat-22 ta' Diċembru 2008, Wallentin-Hermann, C-549/07, Ġabra p. I-11061, punt 17, u tal-5 ta' Marzu 2009, Il-Kummissjoni vs Franza, C-556/07, punt 50).

40 Għandu l-ewwel nett jitfakkar li d-Direttiva 2001/32 hija intiża li tiżgura l-osservanza tad-drittijiet tal-ħaddiema fil-każ li jinbidel il-proprjetarju tal-impriża, billi tippermettilhom li jibqgħu jaħdmu taħt it-tmexxija l-ġdida bl-istess kundizzjonijiet bħal dawk miftehma mal-proprjetarju preċedenti (ara, b'mod partikolari, is-sentenzi,

tal-10 ta' Frar 1988, Foreningen af Arbejdsledere i Danmark, 324/86, Ġabra p. 739, punt 9; tad-9 ta' Marzu 2006, Werhof, C-499/04, Ġabra p. I-2397, punt 25, u tas-27 ta' Novembru 2008, Juuri, C-396/07, Ġabra p. I-8883, punt 28). Id-dritt li l-ħaddiema jkunu rrappreżentati jifforma parti minn dawn id-drittijiet. Isegwi li, bħala regola ġenerali, din ir-rappreżentanza ma għandiex tiġi affettwata mit-trasferiment.

41 Fil-fatt l-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 6(1) tad-Direttiva 2001/23, li fih ir-regola ġenerali dwar ir-rappreżentazzjoni tal-ħaddiema, jipprovdi li jekk l-impriża, in-negozju jew parti mill-impriża jew min-negozju jżommu l-awtonomija tagħhom, l-istatus u l-funzjoni tar-rappreżentanti jew tar-rappreżentazzjoni tal-ħaddiema kkonċernati mit-trasferiment għandhom jiġu ppreservati skont l-istess termini u suġġetti għall-istess kundizzjonijiet li kien jeżistu qabel id-data tat-trasferiment.

42 Sussegwentement, għandu jiġi osservat li, skont it-tifsira komuni fil-lingwaġġ ta' kuljum, it-terminu "awtonomija" jfisser id-dritt li wieħed jiggverna ruħu permezz tal-liġijiet tiegħu stess.

43 Applikat fir-rigward ta' entità ekonomika dan it-terminu jfisser is-setgħa, mogħtija lill-persuni responsabbli minn din l-entità, li jorganizzaw, b'mod relattivament liberu u indipendenti, ix-xogħol fi ħdan l-imsemmija entità bil-għan li titwettaq l-attività ekonomika tagħha u, b'mod partikolari, is-setgħa li joħorġu ordnijiet u li jagħtu istruzzjonijiet, li jqassmu l-funzjonijiet lill-ħaddiema tal-entità inkwistjoni kif ukoll li jiddeċiedu dwar l-użu li għandu jsir mill-mezzi materjali għad-dispożizzjoni tagħhom, u dan mingħajr l-intervent dirett min-naħa ta' strutturi oħra ta' organizzazzjoni tal-persuna li tħaddem (iktar 'il quddiem is-"setgħat ta' organizzazzjoni").

44 Għalhekk, bħala prinċipju l-awtonomija tiġi ppreżervata, fis-sens tal-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 6(1) tad-Direttiva 2001/23, meta, wara t-trasferiment, is-setgħat ta' organizzazzjoni tal-persuni responsabbli mill-entità ttrasferita jibqgħu, fi ħdan l-istrutturi ta' organizzazzjoni tal-persuna li favura jsir it-trasferiment, sostanzjalment l-istess meta mqabbla mas-sitwazzjoni eżistenti qabel it-trasferiment.

45 Għalhekk, f'din l-ipoteżi, id-dritt tal-ħaddiema li jkunu rrappreżentati għandu, bħala prinċipju, jiġi eżerċitat skont l-istess modalitajiet u taħt l-istess kundizzjonijiet li kienu jeżistu qabel it-trasferiment.

46 Min-naħa l-oħra, f'sitwazzjoni fejn, wara t-trasferiment, il-ħaddiema jaqgħu taħt persuni responsabbli li s-setgħat ta' organizzazzjoni tagħhom ikunu ġew imnaqqsa u ma jistgħux iktar jiġu kklassifikati bħala awtonomi, għaldaqstant l-interessi ta' dawn il-ħaddiema nbidlu u, konsegwentement, il-modalitajiet u l-kundizzjonijiet tar-rappreżentazzjoni tagħhom għandhom jiġu adattati għal bidliet li seħħew. Huwa għal din ir-raġuni li, hekk kif jirriżulta mir-raba' subparagrafu tal-Artikolu 6(1) tad-Direttiva 2001/23, il-mandat tar-rappreżentanti tal-ħaddiema kkonċernati mit-trasferiment għandu, f'tali ipoteżi, ikun limitat biss għall-perijodu neċessarju sabiex terġa' titwaqqaf jew terġa' tiġi maħtura r-rappreżentanza tal-ħaddiema.

47 Fir-rigward ta' eventwali distribuzzjoni mill-ġdid ta' ċerti setgħat ta' organizzazzjoni fi ħdan l-entità ttrasferita, din, bħala prinċipju, x'aktarx ma tippreġudikax l-awtonomija tagħha. Il-fattur rilevanti huwa li l-persuni responsabbli kollha tal-entità ttrasferita jkunu jistgħu jeżerċitaw is-setgħat ta' organizzazzjoni li huma diġà kellhom, qabel it-trasferiment, meta mqabbla ma strutturi oħra ta' organizzazzjoni tal-persuna li tħaddem il-ġdida.

48 Barra minn hekk, is-sempliċi bdil tal-għola superjuri ġerarkiċi, bħal fil-kawża prinċipali, ma jistax ikun, fih innifsu, ta' ħsara għall-awtonomija tal-entità ttrasferita.

49 Huma biss setgħat li jippermettu li dawn is-superjuri ġerarkiċi jorganizzaw direttament l-attività tal-ħaddiema ta' din l-entità u li jissostitwixxu ruħhom għal dawk li preċedentement kienu jieħdu d-deċiżjonijiet fi ħdan din tal-aħħar, li jistgħu jippreġudikaw l-awtonomija tal-imsemmija entità. Madankolu huwa sottointiż li t-tali sostituzzjoni fit-teħid ta' deċiżjonijiet fi ħdan l-entità ttrasferita ma tistax tiġi kkunsidrata bħala ta' ħsara għall-awtonomija tagħha jekk din isseħħ, b'mod eċċezzjonali, f'ċirkustanzi ta' urġenza bħal inċident gravi li huwa ta' ħsara għall-funzjonament ta' din l-entità, b'mod temporanju u skont regoli stabbiliti għal dan il-għan.

50 Barra minn hekk, is-sempliċi setgħa ta' kontroll min-naħa tal-għola superjuri ġerarkiċi ma taffettwax, ġeneralment, l-awtonomija tal-entità ttrasferita, dejjem sakemm din ma tkunx tinkludi wkoll setgħat bħal dawk indikati fil-punt preċedenti.

51 Tali interpretazzjoni tal-kunċett ta' awtonomija tippermetti, barra minn hekk, li jiġi mħares l-effett utli tal-Artikolu 6 tad-Direttiva 2001/23, peress li, fil-prattika, it-trasferiment ta' impriża, ta' negozju jew ta' parti minn impriża jew negozju kważi dejjem jirriżulta fil-bdil tal-għola superjuri ġerarkiċi.

52 Din l-interpretazzjoni ma tistax tiġi kkonfutata mill-argumenti tal-Gvern Spanjol li jgħidu li tali interpretazzjoni, li fil-kawża prinċipali tkun timplika t-tkomplija tar-rappreżentazzjoni eżistenti tal-ħaddiema, min-naħa, tagħti lok għal forma ta' "rappreżentazzjoni doppja" fi ħdan il-persunal tal-persuna li tħaddem il-ġdida u, min-naħa l-oħra, tkun tfisser li jiġi injorat id-dannu ekonomiku li l-persuna li tħaddem il-ġdida ssofri minħabba l-obbligu tagħha li tagħti "sigħat ta' delegazzjoni" lir-rappreżentanti tal-ħaddiema ttrasferiti. Fil-fatt, dawn l-argumenti huma sempliċement intiżi li jikkonfutaw il-konsegwenzi legali tal-għażla li l-leġiżlatur tal-Unjoni għamel permezz tal-introduzzjoni tal-Artikolu 6 tad-Direttiva 2001/23.

53 Bl-istess mod, anki l-argument tal-Gvern Spanjol ibbażat fuq diskriminazzjoni u fuq ksur tal-prinċipju ta' trattament ugwali, fir-rigward tar-rappreżentanti tal-persunal u tad-delegati sindakali tal-persunal eżistenti tal-persuna li tħaddem il-ġdida, għandhom jiġu miċħuda.

54 F'dan ir-rigward, kif osservat l-Avukat Ġenerali fil-punt 88 tal-konklużjonijiet tagħha, anki jekk jiġi meqjus li l-ħaddiema ttrasferiti u dawk impjegati mill-persuna li tħaddem il-ġdida jinsabu f'sitwazzjonijiet paragunabbli, xorta jibqa' l-fatt li t-trattament differenti li jirriżulta minn possibbiltà ta' żbilanċ fi ħdan l-organizzazzjoni tal-persuna li tħaddem il-ġdida, bi ħsara għad-delegati sindakali li diġà huma impjegati hemmhekk u tar-rappreżentanti tal-persunal ikkonċernati, li n-numru tagħhom ma jinbidilx, ikun iġġustifikat fid-dawl tal-għan tad-Direttiva 2001/23, li huwa dak li tiżgura, sa fejn possibbli u fil-prattika, li l-ħaddiema l-ġodda ma jkunux żvantaġġati minħabba t-trasferiment meta mqabbla mas-sitwazzjoni li kienet teżisti qabel it-trasferiment.

55 Fl-aħħar nett, fir-rigward tal-argument ibbażat fuq il-preġudizzju għal-libertà sindakali tal-persunal eżistenti, huwa biżżejjed li jiġi kkonstatat li l-Gvern Spanjol ma jurix kif, fiċ-ċirkustanzi tal-kawża prinċipali, iż-żamma tar-rappreżentanti tal-ħaddiema tal-entità ttrasferita tista' taffettwa l-eżerċizzju ta' din il-libertà fundamentali.

56 Fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet kollha esposti iktar 'il fuq, ir-risposta għad-domanda magħmula għandha tkun li entità ekonomika ttrasferita tippreżerva l-awtonomija tagħha, fis-sens tal-Artikolu 6(1) tad-Direttiva 2001/23, kemm-il darba s-setgħat mogħtija lill-persuni responsabbli minn din l-entità, fi ħdan l-istrutturi ta' organizzazzjoni tal-persuna li titrasferixxi, jiġifieri s-setgħa li jorganizzaw, b'mod relattivament liberu u indipendenti, ix-xogħol fi ħdan l-imsemmija entità bil-għan li titwettaq l-attività ekonomika tagħha u, b'mod partikolari, is-setgħa li joħorġu ordnijiet u li jagħtu istruzzjonijiet, li jqassmu funzjonijiet lill-ħaddiema tal-entità inkwistjoni kif ukoll li jiddeċiedu dwar l-użu li għandu jsir mill-mezzi materjali għad-dispożizzjoni tagħhom, mingħajr l-intervent dirett min-naħa ta' strutturi oħra ta' organizzazzjoni tal-persuna li tħaddem, jibqgħu, fi ħdan l-istrutturi ta' organizzazzjoni tal-persuna li favura jsir it-trasferiment, essenzjalment l-istess. Is-sempliċi bdil tal-għola superjuri ġerarkiċi ma jistax ikun, fih innifsu, ta' ħsara għall-awtonomija tal-entità ttrasferita,

dejjem sakemm dawn l-għola superjuri ġerarkiċi l-ġodda ma jkollhomx setgħat li jippermettulhom li jorganizzaw direttament l-attività tal-ħaddiema ta' din l-entità u għalhekk li jissostitwixxu ruħhom għas-superjuri immedjati ta' dawn il-ħaddiema fit-teħid ta' deċiżjonijiet fi ħdan din l-entità.

Fuq l-ispejjeż

57 Peress li l-proċedura għandha, fir-rigward tal-partijiet fil-kawża prinċipali, in-natura ta' kwistjoni mqajma quddiem il-qorti tar-rinviju, hija din il-qorti li tiddeċiedi fuq l-ispejjeż. L-ispejjeż sostnuti għas-sottomissjoni tal-osservazzjonijiet lill-Qorti tal-Ġustizzja, barra dawk tal-imsemmija partijiet, ma jistgħux jitħallsu lura.

Għal dawn il-motivi, Il-Qorti tal-Ġustizzja (It-Tielet Awla) taqta' u tiddeċiedi:

Entità ekonomika ttrasferita tippreżerva l-awtonomija tagħha, fis-sens tal-Artikolu 6(1) tad-Direttiva tal-Kunsill 2001/23/KE, tat-12 ta' Marzu 2001, dwar l-approssimazzjoni tal-liġijiet tal-Istati Membri relatati mas-salvagwardja tad-drittijiet tal-impjegati [ħaddiema] fil-każ ta' trasferimenti ta' impriżi, negozji jew partijiet ta' impriżi jew negozji, kemm-il darba s-setgħat mogħtija lill-persuni responsabbli minn din l-entità, fi ħdan l-istrutturi ta' organizzazzjoni tal-persuna li titrasferixxi, jiġifieri s-setgħa li jorganizzaw, b'mod relattivament liberu u indipendenti, ix-xogħol fi ħdan l-imsemmija entità bil-għan li titwettaq l-attività ekonomika tagħha u, b'mod partikolari, is-setgħa li joħorġu ordnijiet u li jagħtu istruzzjonijiet, li jqassmu funzjonijiet lill-ħaddiema tal-entità inkwistjoni kif ukoll li jiddeċiedu dwar l-użu li għandu jsir mill-mezzi materjali

għad-dispożizzjoni tagħhom, mingħajr l-intervent dirett min-naħa ta' strutturi oħra ta' organizzazzjoni tal-persuna li tħaddem, jibqgħu, fi ħdan l-istrutturi ta' organizzazzjoni tal-persuna li favura jsir it-trasferiment, essenzjalment l-istess.

Is-sempliċi bdil tal-għola superjuri ġerarkiċi ma jistax ikun, fih innifsu, ta' ħsara għall-awtonomija tal-entità ttrasferita, dejjem sakemm dawn l-għola superjuri ġerarkiċi l-ġodda ma jkollhomx setgħat li jippermettulhom li jorganizzaw direttament l-attività tal-ħaddiema ta' din l-entità u għalhekk li jissostitwixxu ruħhom għas-superjuri immedjati ta' dawn il-ħaddiema fit-teħid ta' deċiżjonijiet fi ħdan din l-entità.

Firem